Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2024/0301(COD)

5.6.2025

EMENDI
232 - 359

Abbozz ta' rapport
Johan Danielsson, Andreas Schwab
(PE772.171v01-00)

Interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema u emenda tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012

Proposta għal regolament
(COM(2024)0531 – 2024/0301(COD))

Emenda 232
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-lista tal-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika kif imsemmi fil-paragrafu 3 għandha tkun disponibbli għall-pubbliku mill-Kummissjoni fuq l-interfaċċa pubblika.	***imħassar***

Or. en

Emenda 233
Kosma Złotowski

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-lista tal-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika kif imsemmi fil-paragrafu 3 għandha tkun disponibbli għall-pubbliku mill-Kummissjoni fuq l-interfaċċa pubblika.	***imħassar***

Or. en

Emenda 234
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-lista tal-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika kif imsemmi fil-paragrafu 3 għandha tkun disponibbli għall-pubbliku mill-Kummissjoni fuq l-interfaċċa pubblika.	4. Il-lista tal-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika kif imsemmi fil-paragrafu 3 għandha tkun disponibbli għall-pubbliku mill-Kummissjoni fuq l-interfaċċa pubblika. ***Meta Stat Membru jiddeċiedi li ma jagħmilx użu mill-***

	interfaċċa pubblika, l-interfaċċa pubblika għandha tagħmel disponibbli l-link għas-sit web tad-dikjarazzjoni ta' postazzjoni ta' dak l-Istat Membru.

Or. en

Emenda 235
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-lista tal-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika kif imsemmi fil-paragrafu 3 għandha tkun disponibbli għall-pubbliku mill-Kummissjoni fuq l-interfaċċa pubblika.	4. Il-lista tal-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika kif imsemmi fil-paragrafu 3 għandha tkun disponibbli għall-pubbliku mill-Kummissjoni fuq l-interfaċċa pubblika. ***Il-links għall-interfaċċi tal-pajjiżi li ma jkunux għażlu l-interfaċċa pubblika konnessa għandhom jiġu ppubblikati fuq l-interfaċċa pubblika konnessa.***

Or. fr

Emenda 236
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Stat Membru jista' ma jkomplix jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika. Dak l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan sitt xhur qabel id-data tat-tmiem maħsuba għall-użu tal-interfaċċa pubblika.	***imħassar***

Or. en

Emenda 237
Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Stat Membru jista' ma jkomplix jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika. Dak l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan sitt xhur qabel id-data tat-tmiem maħsuba għall-użu tal-interfaċċa pubblika.	***imħassar***

Or. en

Emenda 238
Kosma Złotowski

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Stat Membru jista' ma jkomplix jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika. Dak l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan sitt xhur qabel id-data tat-tmiem maħsuba għall-użu tal-interfaċċa pubblika.	***imħassar***

Or. en

Emenda 239
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Stat Membru jista' ma jkomplix jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika. Dak l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan sitt xhur qabel id-data	5. Stat Membru jista' ma jkomplix jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika ***fi kwalunkwe mument u mingħajr ma jiddikjara raġunijiet ġustifikati għal tali***

tat-tmiem maħsuba għall-użu tal-interfaċċa pubblika.	***deċiżjoni***. Dak l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan sitt xhur qabel id-data tat-tmiem maħsuba għall-użu tal-interfaċċa pubblika.

Or. en

Emenda 240
Pascal Arimont, Andreas Schwab, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Irrispettivament mill-parteċipazzjoni fl-interfaċċa pubblika jew l-irtirar minnha, il-leġiżlazzjoni rilevanti applikabbli fil-qasam tax-xogħol u tad-drittijiet soċjali, il-ħarsa ġenerali tal-eżenzjonijiet mill-obbligu li tiġi ddikjarata postazzjoni kif ukoll il-ftehimiet kollettivi u l-leġiżlazzjoni fiskali applikabbli tal-Istati Membri kollha għandhom ikunu aċċessibbli għall-fornituri tas-servizzi permezz tal-interfaċċa pubblika b'mod faċli għall-utent u fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jiġu appoġġati l-SMEs, l-interfaċċa trid tipprovdi aċċess ċar u multilingwi għar-regoli nazzjonali fil-qasam tax-xogħol u dak soċjali u fiskali kif ukoll għall-ftehimiet kollettivi. Dan isaħħaħ iċ-ċertezza legali, jipproteġi d-drittijiet tal-ħaddiema, u jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-ELA tal-2023 dwar informazzjoni aċċessibbli u kompluta.

Emenda 241
Arba Kokalari, Andrea Wechsler, Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

5a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, li jkun hemm fis-seħħ miżuri ta' appoġġ tekniku u prattiku adegwati biex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni bla xkiel u uniformi tal-interfaċċa pubblika, jiġu minimizzati l-isfidi ta' tranżizzjoni u tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti fl-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 242
Chiara Gemma, Francesco Torselli, Elena Donazzan, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5***, il-formola standard għandha tikkonsisti ***f'informazzjoni*** relatata ma':	1. ***F'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (a) tad-Direttiva 2014/67/UE u abbażi tal-miżuri nazzjonali li jittrasponu dik id-Direttiva***, il-formola standard għandha tikkonsisti ***f'lista ta' informazzjoni li hija meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE u b'mod partikolari*** relatata ma':

Or. en

Emenda 243
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5***, il-formola standard għandha tikkonsisti ***f'informazzjoni relatata ma'***:	1. ***F'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (a) tad-Direttiva 2014/67/UE u abbażi tal-miżuri nazzjonali li jittrasponu dik id-Direttiva***, il-formola standard

għandha tikkonsisti ***f'rekwiżiti ta' informazzjoni meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, stabbiliti fil-formula fl-Anness I. Dik l-informazzjoni għandha tirrigwarda***:

Or. en

Emenda 244
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5, il-formola standard għandha tikkonsisti f'informazzjoni relatata ma':	1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5, il-formola standard għandha tikkonsisti f'informazzjoni ***li hija meħtieġa biex tippermetti kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE u*** relatata ma' ***(u speċifikata fl-Anness 1 — punti ta' data)***:

Or. en

Emenda 245
Grégory Allione, Valérie Devaux, Stéphanie Yon-Courtin, Marie-Pierre Vedrenne, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5, il-formola standard għandha tikkonsisti ***f'informazzjoni*** relatata ma':	1. ***F'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (a) tad-Direttiva 2014/67/UE u abbażi tal-miżuri nazzjonali li jittrasponu dik id-Direttiva, u*** mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5, il-formola standard għandha tikkonsisti ***f'lista ta' informazzjoni meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, u*** relatata ma':

Or. en

Emenda 246
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5***, il-formola standard għandha tikkonsisti ***f'informazzjoni relatata ma'***:	1. ***F'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (a) tad-Direttiva 2014/67/UE***, il-formola standard għandha tikkonsisti ***fl-informazzjoni stabbilita fil-formola fl-Anness I. Dik l-informazzjoni għandha tirrigwarda***:

Or. en

Emenda 247
Andreas Schwab, Pascal Arimont, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5, il-formola standard għandha tikkonsisti f'informazzjoni relatata ma':	1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5, il-formola standard ***kif stabbilita fl-Anness I*** għandha ***tistabbilixxi sett massimu u tipi ta' rekwiżiti ta' informazzjoni u*** tikkonsisti f'informazzjoni relatata ma':

Or. en

Emenda 248
Sebastian Kruis, Rachel Blom, Elisabeth Dieringer, Filip Turek, Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5,*** il-formola standard għandha tikkonsisti f'informazzjoni relatata ma':	1. Il-formola standard għandha tikkonsisti ***mill-inqas*** f'informazzjoni relatata ma':

Or. en

Emenda 249
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-fornitur ta' servizzi;	(a) il-fornitur ta' servizzi***, inkluż ir-rappreżentant legali jew persuna oħra li tirrappreżenta lill-fornitur ta' servizzi fi proċedimenti amministrattivi u legali, u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), il-punt (a)***;

Or. en

Emenda 250
Chiara Gemma, Francesco Torselli, Elena Donazzan, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-fornitur ta' servizzi;	(a) il-fornitur ta' servizzi***, inkluż ir-rappreżentant legali jew persuna oħra li tirrappreżenta lill-fornitur ta' servizzi fi proċedimenti amministrattivi u legali, u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), il-punt (a)***;

Or. en

Emenda 251

Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-fornitur ta' ***servizzi***;	(a) il-fornitur ta' ***servizz, inkluża l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), il-punt (a)***;

Or. en

Emenda 252
Grégory Allione, Valérie Devaux, Stéphanie Yon-Courtin, Marie-Pierre Vedrenne, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-fornitur ta' ***servizzi***;	(a) il-fornitur ta' ***servizz, inkluż l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), il-punt (a)***;

Or. en

Emenda 253
Chiara Gemma, Francesco Torselli, Elena Donazzan, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***il-ħaddiem ippostjat***;	(b) ***il-ħaddiema ppostjati, inkluż in-numru antiċipat ta' ħaddiema ppostjati identifikabbli b'mod ċar, id-deskrizzjoni tal-ħidma mwettqa u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), il-punti (b) u (c)***;

Or. en

Emenda 254
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-ħaddiem ippostjat;	(b) il-ħaddiem ippostjat ***inkluż in-numru antiċipat ta' ħaddiema ppostjati identifikabbli b'mod ċar, u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), il-punti (b) u (c)***;

Or. en

Emenda 255
Grégory Allione, Valérie Devaux, Stéphanie Yon-Courtin, Marie-Pierre Vedrenne, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-ħaddiem ippostjat;	(b) il-ħaddiem ippostjat***, inkluż in-numru antiċipat ta' ħaddiema ppostjati identifikabbli b'mod ċar, u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), il-punti (b) u (c)***;

Or. en

Emenda 256
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-ħaddiem ippostjat;	(b) il-ħaddiem ippostjat***, inkluż in-numru antiċipat ta' ħaddiema ppostjati identifikabbli b'mod ċar, u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3),***

il-punti (b) u (c);

Or. en

Emenda 257
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-assenjazzjoni tal-postazzjoni;	(c) l-assenjazzjoni tal-postazzjoni***, inkluż it-tul ta' żmien antiċipat, id-data prevista tal-bidu u tat-tmiem tal-postazzjoni, in-natura tas-servizzi li jiġġustifikaw il-postazzjoni, l-akkomodazzjoni kollettiva u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), il-punt (d)***;

Or. en

Emenda 258
Chiara Gemma, Francesco Torselli, Elena Donazzan, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-assenjazzjoni tal-postazzjoni;	(c) l-assenjazzjoni tal-postazzjoni***, inkluż it-tul ta' żmien antiċipat, id-data prevista tal-bidu u tat-tmiem tal-postazzjoni, in-natura tas-servizzi li jiġġustifikaw il-postazzjoni, l-akkomodazzjoni kollettiva u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), il-punt (d)***;

Or. en

Emenda 259
Grégory Allione, Valérie Devaux, Stéphanie Yon-Courtin, Marie-Pierre Vedrenne, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-assenjazzjoni tal-postazzjoni;	(c) l-assenjazzjoni tal-postazzjoni***, inkluż it-tul ta' żmien antiċipat, id-data prevista tal-bidu u tat-tmiem tal-postazzjoni, in-natura tas-servizzi li jiġġustifikaw il-postazzjoni u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), il-punt (d)***;

Or. en

Emenda 260
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-assenjazzjoni tal-postazzjoni;	(c) l-assenjazzjoni tal-postazzjoni***, inkluż it-tul ta' żmien, id-data tal-bidu u tat-tmiem tal-postazzjoni, in-natura tas-servizzi li jiġġustifikaw il-postazzjoni u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), il-punt (d)***;

Or. en

Emenda 261
Grégory Allione, Valérie Devaux, Stéphanie Yon-Courtin, Marie-Pierre Vedrenne, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-persuna ta' kuntatt ***li għandha***	(d) il-persuna ta' kuntatt ***tal-fornitur***

tikkomunika mal-awtoritajiet kompetenti;	***ta' servizzi kif msemmija fl-Artikolu 9(1) il-punti (e) sa (f) tad-Direttiva 14/67/UE, inkluża l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), il-punt (e)***;

Or. en

Emenda 262
Chiara Gemma, Francesco Torselli, Elena Donazzan, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***il-persuna*** ta' kuntatt ***li għandha tikkomunika mal-awtoritajiet kompetenti***;	(d) ***il-persuni*** ta' kuntatt ***imsemmija fl-Artikolu 9(1) il-punti (e) sa (f) tad-Direttiva 2014/67/UE, inkluża l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), il-punt (e)***;

Or. en

Emenda 263
Brigitte van den Berg, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***il-persuna*** ta' kuntatt li għandha ***tikkomunika*** mal-awtoritajiet kompetenti;	(d) ***il-persuna/i*** ta' kuntatt li għandha ***tikkomunika/jikkomunikaw*** mal-awtoritajiet kompetenti ***fl-Istat Membru ospitanti jew mas-sħab soċjali rilevanti***;

Or. en

Emenda 264
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***il-persuna*** ta' kuntatt ***li għandha tikkomunika mal-awtoritajiet kompetenti***;	(d) ***il-persuni*** ta' kuntatt ***imsemmija fl-Artikolu 9(1), il-punti (e) u (f), tad-Direttiva 2014/67/UE***;

Or. en

Emenda 265
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***il-persuna*** ta' kuntatt ***li għandha tikkomunika mal-awtoritajiet kompetenti***;	(d) ***il-persuni*** ta' kuntatt ***imsemmija fl-Artikolu 9(1), il-punti (e) u (f), tad-Direttiva 2014/67/UE***;

Or. en

Emenda 266
Chiara Gemma, Francesco Torselli, Elena Donazzan, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-benefiċjarju tas-servizz.	(e) il-benefiċjarju tas-servizz***, inkluż l-identità tal-benefiċjarju tas-servizzi u d-dettalji ta' kuntatt tiegħu***.

Or. en

Emenda 267
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-benefiċjarju tas-servizz.	(e) il-benefiċjarju tas-servizz***, inkluż l-identità tar-riċevitur ta' servizzi u d-dettalji ta' kuntatt tiegħu***.

Or. en

Emenda 268
Chiara Gemma, Francesco Torselli, Elena Donazzan, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Għall-postazzjonijiet minn impriża ta' impjieg temporanju jew aġenzija ta' kollokament temporanju, fil-każ ta' postazzjoni doppja jew katina kif deskritt fl-Artikolu 1(3), l-ewwel u t-tieni subparagrafi tad-Direttiva 96/71/KE, il-formola standard għandha tikkonsisti wkoll f'informazzjoni relatata mal-impriża utenti, inkluż l-identità tal-impriża utenti u r-rappreżentant legali jew persuna oħra li tirrappreżenta l-impriża utenti fi proċedimenti amministrattivi u legali.

Or. en

Emenda 269
Andreas Schwab, Pascal Arimont, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-formola standard imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati	***imħassar***

f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).

Or. en

Emenda 270
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-formola standard imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).	2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-formola standard imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2). ***Il-parir mogħti mill-grupp ta' esperti tal-Istati Membri dwar formola elettronika komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema rigward l-informazzjoni rilevanti li għandha tkun tinsab f'tali forma għandu jitqies kif xieraq mill-Kummissjoni.***

Or. en

Emenda 271
Grégory Allione, Valérie Devaux, Stéphanie Yon-Courtin, Marie-Pierre Vedrenne, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-formola standard imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).	2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-formola standard imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ***jitħejjew f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali Ewropej rilevanti, u*** jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).

Or. en

Emenda 272
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-formola*** standard ***imsemmija*** fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***permezz ta' atti ta' implimentazzjoni***. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).***	2. ***Formola*** standard ***b'sett komuni ta' rekwiżiti minimi kif imsemmi*** fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***għandha tiġi stabbilita fl-Anness***.

Or. en

Emenda 273
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha ***tistabbilixxi*** l-formola standard imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***permezz ta' atti ta' implimentazzjoni***. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).***	2. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 7a biex temenda*** l-formola standard imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 274
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha ***tistabbilixxi*** l-formola standard imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***permezz ta' atti ta' implimentazzjoni***. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).***	2. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 7a biex temenda*** l-formola standard imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 275
Sebastian Kruis, Rachel Blom, Elisabeth Dieringer, Filip Turek, Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-formola*** standard imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija*** fl-Artikolu ***8(2)***.	2. ***Il-formola*** standard imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***għandha tiġi stabbilita min-Network Koordinat għall-Monitoraġġ tal-Postazzjoni tal-Ħaddiema msemmi*** fl-Artikolu ***4a***.

Or. en

Emenda 276
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika jista' jiddeċiedi li ***ma jitlobx l-informazzjoni kollha*** li tinsab fil-formola standard u	3. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika jista' jiddeċiedi li ***juża informazzjoni addizzjonali ma' dik*** li tinsab fil-formola

għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.	standard***, dment li l-punti ta' informazzjoni addizzjonali jkunu konformi mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE*** u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan. ***L-għażla li jintużaw punti ta' informazzjoni addizzjonali tista' tkun limitata għal setturi speċifiċi. Il-Kummissjoni, wara notifika mill-Istat Membru, għandha tagħmel il-bidliet meħtieġa fil-formola nazzjonali tal-Istat Membru fuq l-interfaċċa pubblika mingħajr dewmien żejjed.***

Or. en

Emenda 277
Grégory Allione, Valérie Devaux, Stéphanie Yon-Courtin, Marie-Pierre Vedrenne, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika jista' jiddeċiedi li ma jitlobx l-informazzjoni kollha li tinsab fil-formola standard u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.	3. Stat Membru li jagħżel***, fuq bażi volontarja,*** li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika jista' jiddeċiedi li ma jitlobx l-informazzjoni kollha li tinsab fil-formola standard u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan. ***Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni għandha temenda l-formola standard għall-Istat Membru rilevanti f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).***

Or. en

Emenda 278
Chiara Gemma, Francesco Torselli, Elena Donazzan, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Stat Membru li ***jagħżel*** li jagħmel	3. Stat Membru li ***jiddeċiedi*** li

użu mill-interfaċċa pubblika jista' jiddeċiedi li ma jitlobx l-informazzjoni kollha li tinsab fil-formola standard u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika jista' jiddeċiedi li ma jitlobx l-informazzjoni kollha li tinsab fil-formola standard u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan. ***Abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha temenda l-formola standard għall-Istat Membru rilevanti f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).***

Or. en

Emenda 279
Arba Kokalari, Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika jista' jiddeċiedi li ma jitlobx l-informazzjoni kollha li tinsab fil-formola standard u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.	3. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika jista' jiddeċiedi li ma jitlobx l-informazzjoni kollha li tinsab fil-formola standard u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan. ***Madankollu, Stat Membru ma għandux jirrikjedi informazzjoni jew dokumentazzjoni obbligatorja addizzjonali lil hinn mill-formola standard.***

Or. en

Emenda 280
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika jista' jiddeċiedi li ma jitlobx l-informazzjoni kollha li tinsab fil-formola standard u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.	3. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika jista' jiddeċiedi li ma jitlobx l-informazzjoni kollha li tinsab fil-formola standard u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

L-għażla li jsir użu minn inqas punti ta' informazzjoni tista' tkun limitata għal setturi speċifiċi tas-suq tax-xogħol.

Or. en

Emenda 281
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika jista' jiddeċiedi li ma jitlobx l-informazzjoni kollha li tinsab fil-formola standard u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.	3. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika jista' jiddeċiedi li ma jitlobx l-informazzjoni kollha li tinsab fil-formola standard u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan. ***L-għażla li jintużaw anqas punti ta' informazzjoni tista' tkun limitata għal setturi speċifiċi tas-suq tax-xogħol.***

Or. en

Emenda 282
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Stat Membru ***li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika*** jista' jiddeċiedi li ma jitlobx l-informazzjoni kollha li tinsab fil-formola standard u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.	3. Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma jitlobx l-informazzjoni kollha li tinsab fil-formola standard u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

Or. en

Emenda 283

Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Stat Membru ***li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika*** jista' jiddeċiedi li ma jitlobx l-informazzjoni kollha li tinsab fil-formola standard u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.	3. Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma jitlobx l-informazzjoni kollha li tinsab fil-formola standard u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

Or. en

Emenda 284
Kosma Złotowski

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Stat Membru ***li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika*** jista' jiddeċiedi li ma jitlobx l-informazzjoni kollha li tinsab fil-formola standard u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.	3. Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma jitlobx l-informazzjoni kollha li tinsab fil-formola standard u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

Or. en

Emenda 285
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika jista' jiddeċiedi li jagħmel użu minn informazzjoni addizzjonali, f'konformità mal-monitoraġġ effettiv tal-konformità mal-obbligi tad-Direttivi 2014/67/UE u

96/71/KE, skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE.

Il-Kummissjoni, wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat, għandha tagħmel il-bidliet meħtieġa fuq l-interfaċċa pubblika għall-Istati Membru rilevanti mingħajr dewmien żejjed.L-Istat Membru jista' jillimita l-użu ta' informazzjoni addizzjonali għal setturi speċifiċi tas-suq tax-xogħol.

Meta timplimenta bidliet fl-interfaċċi pubbliċi għall-Istat Membru rilevanti, il-Kummissjoni għandu jkollha l-għan li tiżgura allinjament fil-format ta' punti ta' informazzjoni addizzjonali użati minn żewġ Stati Membri jew aktar.

Or. en

Emenda 286
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika jista' jiddeċiedi li jagħmel użu minn informazzjoni addizzjonali fil-formola standard tiegħu, f'konformità mal-monitoraġġ effettiv tal-konformità mal-obbligi tad-Direttivi 2014/67/UE u 96/71/KE, skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE.
	Il-Kummissjoni, wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat, għandha tagħmel il-bidliet meħtieġa għall-formola standard għall-Istati Membru rilevanti mingħajr dewmien żejjed.L-Istat Membru jista' jillimita l-użu ta' informazzjoni addizzjonali għal setturi speċifiċi tas-suq tax-xogħol.

Meta timplimenta bidliet fil-formola standard għall-Istat Membru rilevanti, il-Kummissjoni għandu jkollha l-għan li tiżgura allinjament fil-format ta' punti ta' informazzjoni addizzjonali użati minn żewġ Stati Membri jew aktar.

Or. en

Emenda 287
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jissottomettu lill-Kummissjoni suġġerimenti għal emenda/i għall-formola standard. Il-Kummissjoni għandha teżamina tali suġġerimenti bil-ħsieb li temenda, fejn xieraq, il-formola standard.	***imħassar***

Or. en

Emenda 288
Grégory Allione, Valérie Devaux, Stéphanie Yon-Courtin, Marie-Pierre Vedrenne, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jissottomettu lill-Kummissjoni suġġerimenti għal emenda/i għall-formola standard. Il-Kummissjoni għandha teżamina tali suġġerimenti bil-ħsieb li temenda, fejn xieraq, il-formola standard.	***imħassar***

Or. en

Emenda 289
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***L-Istati Membri jistgħu jissottomettu*** lill-Kummissjoni suġġerimenti għal emenda/i għall-formola standard. Il-Kummissjoni għandha teżamina tali suġġerimenti bil-ħsieb li temenda, fejn xieraq, il-formola standard.	4. ***Kwalunkwe Stat Membru jista' jissottometti*** lill-Kummissjoni suġġerimenti ***motivati*** għal emenda/i għall-formola standard. Il-Kummissjoni għandha teżamina***, mingħajr dewmien żejjed,*** tali suġġerimenti bil-ħsieb li temenda, fejn xieraq, il-formola standard. ***Meta l-Kummissjoni tqis emenda ssuġġerita minn Stat Membru bħala mhux ġustifikata jew sproporzjonata, hija għandha, fi żmien raġonevoli, tipprovdi lill-Istat Membru bi spjegazzjoni motivata.***

Or. en

Emenda 290
Arba Kokalari, Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jissottomettu lill-Kummissjoni suġġerimenti għal emenda/i għall-formola standard. Il-Kummissjoni għandha teżamina tali suġġerimenti ***bil-ħsieb*** li temenda***,*** fejn xieraq***, il-formola standard***.	4. L-Istati Membri jistgħu jissottomettu lill-Kummissjoni suġġerimenti għal emenda/i għall-formola standard. Il-Kummissjoni għandha teżamina tali suġġerimenti ***b'valutazzjoni tal-impatt, filwaqt li tiżgura li kwalunkwe emenda tappoġġa l-kompetittività, tiffaċilita l-forniment tas-servizzi, ittejjeb il-moviment liberu tal-ħaddiema fis-suq intern u ma żżidx il-piżijiet amministrattivi, filwaqt*** li temenda ***l-formola standard*** fejn xieraq.

Or. en

Emenda 291
Brigitte van den Berg, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jissottomettu lill-Kummissjoni suġġerimenti għal emenda/i għall-formola standard. Il-Kummissjoni għandha teżamina tali suġġerimenti bil-ħsieb li temenda, fejn xieraq, il-formola standard.	4. L-Istati Membri jistgħu jissottomettu lill-Kummissjoni suġġerimenti għal emenda/i għall-formola standard. Il-Kummissjoni għandha teżamina tali suġġerimenti bil-ħsieb li temenda, fejn xieraq, il-formola standard. ***Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tipproponix l-emenda/i ssuġġerita/i hija għandha tipprovdi tweġiba motivata lill-Istat Membru li tiddeskrivi r-raġuni għad-deċiżjoni tagħha.***

Or. en

Emenda 292
Andreas Schwab, Pascal Arimont, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu ***jissottomettu*** lill-Kummissjoni ***suġġerimenti għal emenda/i*** għall-formola standard. Il-Kummissjoni għandha teżamina tali ***suġġerimenti*** bil-ħsieb li temenda, fejn xieraq, il-formola standard.	4. L-Istati Membri jistgħu ***jitolbu*** lill-Kummissjoni ***awtorizzazzjoni minn qabel biex tiġi miżjuda mal-punti ta' data*** għall-formola standard***, kif stabbilit fl-Anness I***. Il-Kummissjoni għandha teżamina tali ***talbiet*** bil-ħsieb li temenda, fejn xieraq, il-formola standard***, wara valutazzjoni tal-proporzjonalità u l-ġustifikazzjoni tal-punti ta' data ġodda mitluba***.

Or. en

Emenda 293
Chiara Gemma, Francesco Torselli, Elena Donazzan, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***L-Istati Membri jistgħu jissottomettu*** lill-Kummissjoni suġġerimenti għal emenda/i għall-formola standard. Il-Kummissjoni għandha teżamina tali suġġerimenti ***bil-ħsieb li*** temenda***, fejn xieraq, il-formola*** standard.	4. ***Kwalunkwe Stat Membru jista' jissottometti*** lill-Kummissjoni suġġerimenti għal emenda/i għall-formola standard***, bi spjegazzjoni tar-raġunijiet għas-suġġeriment***. Il-Kummissjoni għandha teżamina***, fi żmien raġonevoli,*** tali suġġerimenti ***u tippreżenta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni biex*** temenda ***l-formola*** standard ***f'konformità mal-proċedura msemmija fil-paragrafu 2***.

Or. en

Emenda 294
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jissottomettu lill-Kummissjoni suġġerimenti għal emenda/i għall-formola standard. Il-Kummissjoni għandha teżamina tali suġġerimenti bil-ħsieb li temenda, fejn xieraq, il-formola standard.	4. L-Istati Membri jistgħu jissottomettu lill-Kummissjoni suġġerimenti għal emenda/i għall-formola standard***, sabiex jittieħed kont tar-realtajiet lokali speċifiċi għal kull Stat Membru kif ukoll tal-liġi nazzjonali tagħhom***. Il-Kummissjoni għandha teżamina tali suġġerimenti bil-ħsieb li temenda, fejn xieraq, il-formola standard.

Or. fr

Emenda 295
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***L-Istati Membri jistgħu jissottomettu*** lill-Kummissjoni suġġerimenti għal emenda/i għall-formola standard. Il-Kummissjoni għandha teżamina tali suġġerimenti bil-ħsieb li temenda, fejn xieraq, il-formola standard.	4. ***Kwalunkwe Stat Membru jista' jissottometti*** lill-Kummissjoni suġġerimenti għal emenda/i għall-formola standard***, bi spjegazzjoni tar-raġunijiet għas-suġġeriment***. Il-Kummissjoni għandha teżamina***, fi żmien raġonevoli,*** tali suġġerimenti bil-ħsieb li temenda, fejn xieraq, il-formola standard.

Or. en

Emenda 296
Andreas Schwab, Pascal Arimont, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni tista', abbażi ta' suġġeriment minn Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, tipproponi emenda tal-formola standard, skont il-proċedura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 297
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni tista', abbażi ta' suġġeriment minn Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, tipproponi emenda tal-formola standard, skont il-proċedura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 298
Grégory Allione, Valérie Devaux, Stéphanie Yon-Courtin, Marie-Pierre Vedrenne, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Il-Kummissjoni tista'***, abbażi ta' suġġeriment minn Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, ***tippproponi emenda tal-formola*** standard***, skont il-proċedura*** msemmija fil-paragrafu 2 ***ta' dan l-Artikolu***.	5. ***Fejn xieraq f'konformità mal-paragrafu 1***, abbażi ta' suġġeriment minn Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, ***il-Kummissjoni għandha temenda l-formola*** standard ***billi tissottometti abbozz ta' att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-liġijiet nazzjonali, u mal-proċedura*** msemmija fil-paragrafu 2.

Or. en

Emenda 299
Sebastian Kruis, Rachel Blom, Elisabeth Dieringer, Filip Turek, Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Il-Kummissjoni tista', abbażi ta' suġġeriment minn*** Stat Membru jew fuq ***l-inizjattiva tagħha*** stess, ***tippproponi emenda tal-formola*** standard, ***skont il-proċedura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu***.	5. ***In-Network Koordinat għall-Monitoraġġ tal-Postazzjoni tal-Ħaddiema msemmi fl-Artikolu 4a jista', fuq talba ta'*** Stat Membru ***wieħed jew aktar*** jew fuq ***inizjattiva tiegħu*** stess, ***jirrieżamina u jadotta modifiki għall-formola*** standard, ***sabiex jadattaha għall-ħtiġijiet amministrattivi jew tal-kuntesti nazzjonali li qed jevolvu***.

Or. en

Emenda 300
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni tista', abbażi ta' suġġeriment minn Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, tipproponi emenda tal-formola standard, skont il-proċedura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.	5. Il-Kummissjoni tista', abbażi ta' suġġeriment minn Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, ***tissottometti abbozz ta' att delegat biex*** tipproponi emenda tal-formola standard, skont il-proċedura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 301
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni tista', abbażi ta' suġġeriment minn Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, ***tipproponi emenda tal-formola*** standard, skont il-proċedura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.	5. Il-Kummissjoni tista', abbażi ta' suġġeriment minn Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, ***tissottometti abbozz ta' att delegat biex temenda l-formola*** standard, skont il-proċedura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 302
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni tista', abbażi ta' suġġeriment minn Stat Membru ***jew fuq l-***	5. Il-Kummissjoni tista', abbażi ta' suġġeriment minn Stat Membru, tipproponi

inizjattiva tagħha stess, tipproponi emenda tal-formola standard, ***skont il-proċedura*** msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

emenda tal-formola standard, ***f'konformità mal-proċedura*** msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Or. fr

Emenda 303
Chiara Gemma, Francesco Torselli, Elena Donazzan, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni tista', ***abbażi ta' suġġeriment minn Stat Membru jew*** fuq l-inizjattiva tagħha stess, ***tipproponi emenda tal-formola*** standard, skont il-proċedura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.	5. Il-Kummissjoni tista', fuq l-inizjattiva tagħha stess, ***tissottometti abbozz ta' att ta' implimentazzjoni biex temenda l-formola*** standard, skont il-proċedura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 304
Arba Kokalari, Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-formola standard għandha tiġi riežaminata kull tliet snin, u għandha tingħata prijorità lis-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, lill-iżviluppi teknoloġiċi u lill-feedback mill-utenti, filwaqt li jiġi żgurat li tibqa' adatta għall-iskop oriġinali tagħha.

Or. en

Emenda 305
Sebastian Kruis, Rachel Blom, Elisabeth Dieringer, Filip Turek, Marie Dauchy, Mélanie

Disdier, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Network Koordinat għall-Monitoraġġ tal-Postazzjoni tal-Ħaddiema
	1. Sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi għall-kumpaniji li jippostjaw il-ħaddiema u għall-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-ipproċessar ta' tali dikjarazzjonijiet, kif ukoll biex jiġu ffaċilitati l-kontrolli, jissaħħaħ il-monitoraġġ effettiv mill-Istati Membri tal-konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema ppostjati, tiżdied it-trasparenza u tiġi promossa l-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu network ikkoordinat ta' awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-monitoraġġ tal-postazzjoni tal-ħaddiema.
	2. In-network koordinat għandu jkun magħmul minn rappreżentant tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' kull Stat Membru.
	3. In-network koordinat għandu jistabbilixxi l-formola standard imsemmija fl-Artikolu 4(1) sa...[6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 306
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-fini li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1, id-data personali msemmija fil-paragrafi 2 u 3 tista' tiġi proċessata mill-interfaċċa pubblika.	1. Għall-fini li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1, id-data personali msemmija fil-paragrafi 2 u 3 tista' tiġi proċessata mill-interfaċċa pubblika ***jew fir-repożitorju speċifiku tal-IMI***.

Or. en

Emenda 307
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-fini li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1, id-data personali msemmija fil-paragrafi 2 u 3 tista' tiġi proċessata mill-interfaċċa pubblika.	1. Għall-fini li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1, id-data personali msemmija fil-paragrafi 2 u 3 tista' tiġi proċessata mill-interfaċċa pubblika ***jew fir-repożitorju speċifiku tal-IMI***.

Or. en

Emenda 308
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-iżgurar tas-sigurtà u d-disponibbiltà tal-interfaċċa pubblika;	(a) L-iżgurar tas-sigurtà u d-disponibbiltà tal-interfaċċa pubblika ***u tar-repożitorju tal-IMI***;

Or. en

Emenda 309
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-iżgurar tas-sigurtà u d-disponibbiltà tal-interfaċċa pubblika;	(a) L-iżgurar tas-sigurtà u d-disponibbiltà tal-interfaċċa pubblika ***u tar-repożitorju tal-IMI***;

Or. en

Emenda 310
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) L-Istati Membri l-oħra li fihom il-ħaddiem jiġi ppostjat matul l-istess perjodu;

Or. en

Emenda 311
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-identità ***ta' ħaddiem ippostjat***;	(b) l-identità ***tal-ħaddiema ppostjati***;

Or. en

Emenda 312
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-indirizz elettroniku ta' notifika, bħal indirizz ***tal-posta***, ta' ħaddiem ippostjat biex il-ħaddiem ippostjat jiġi infurmat li ġiet ippreżentata dikjarazzjoni għal dak il-ħaddiem;	(c) l-indirizz elettroniku ta' notifika, bħal indirizz ***email***, ta' ħaddiem ippostjat biex il-ħaddiem ippostjat jiġi infurmat li ġiet ippreżentata dikjarazzjoni għal dak il-ħaddiem;

Or. en

Emenda 313
Brigitte van den Berg, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-identità u d-dettalji tal-persuna/i persuna/i ta' kuntatt li għandha tikkomunika/jikkomunikaw mal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ospitanti jew mas-sħab soċjali rilevanti;

Or. en

Emenda 314
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-identità u d-dettalji ta' kuntatt ***tal-persuna*** ta' kuntatt tal-fornitur ta' servizzi.	(e) l-identità u d-dettalji ta' kuntatt ***tal-persuni*** ta' kuntatt tal-fornitur ta' servizzi ***skont l-Artikolu 9(1), il-punti (e) u (f), tad-Direttiva 2014/67/UE***.

Or. en

Emenda 315
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-identità u d-dettalji ta' kuntatt ***tal-persuna*** ta' kuntatt tal-fornitur ta' servizzi.	(e) l-identità u d-dettalji ta' kuntatt ***tal-persuni*** ta' kuntatt tal-fornitur ta' servizzi ***skont l-Artikolu 9(1), il-punti (e) u (f), tad-Direttiva 2014/67/UE***.

Or. en

Emenda 316
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) data personali li tinsab f'dokumenti li jiġu sottomessi fl-interfaċċa pubblika.

Or. en

Emenda 317
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) data personali li tinsab f'dokumenti li jittellgħu fuq l-interfaċċa pubblika.

Or. en

Emenda 318
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta Stat Membru jirċievi dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni addizzjonali permezz tal-interfaċċa pubblika fis-sistema back-end nazzjonali tiegħu, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha titqies bħala kontrollur f'konformità mal-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali li tinsab f'dawn id-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni.	4. Meta Stat Membru jirċievi dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni addizzjonali permezz tal-interfaċċa pubblika fis-sistema back-end nazzjonali tiegħu, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha titqies bħala kontrollur f'konformità mal-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali li tinsab f'dawn id-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni***, inkluża kull rekwiżit ta' informazzjoni addizzjonali barra minn dawk li jinsabu fil-formola standard***.

Or. en

Emenda 319
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-interfaċċa pubblika għandha tiżgura t-tħassir awtomatiku tal-informazzjoni relatata ma' ***ppostjar*** li tkun ġiet sottomessa permezz ta' dik l-interfaċċa pubblika ***36 xahar*** wara d-data tat-tmiem tal-perjodu tal-postazzjoni.	5. L-interfaċċa pubblika għandha tiżgura t-tħassir awtomatiku tal-informazzjoni relatata ma' ***postazzjoni*** li tkun ġiet sottomessa permezz ta' dik l-interfaċċa pubblika ***10 snin*** wara d-data tat-tmiem tal-perjodu tal-postazzjoni***, sakemm dik l-informazzjoni ma tkunx għadha meħtieġa għall-finijiet li għalihom tkun inġabret u ġiet ipproċessata***. ***Dan japplika wkoll għall-informazzjoni sottomessa għalkemm Stat Membru seta' ddeċieda li ma jkomplix jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika.***

Or. en

Emenda 320
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-interfaċċa pubblika għandha tiżgura t-tħassir awtomatiku tal-informazzjoni relatata ma' ***ppostjar*** li tkun ġiet sottomessa permezz ta' dik l-interfaċċa pubblika ***36 xahar*** wara d-data tat-tmiem tal-perjodu tal-postazzjoni.	5. L-interfaċċa pubblika għandha tiżgura t-tħassir awtomatiku tal-informazzjoni relatata ma' ***postazzjoni*** li tkun ġiet sottomessa permezz ta' dik l-interfaċċa pubblika ***10 snin*** wara d-data tat-tmiem tal-perjodu tal-postazzjoni. ***Dan japplika wkoll għall-informazzjoni sottomessa f'każijiet fejn Stat Membru seta' ddeċieda li ma jkomplix jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika.***

Or. en

Emenda 321
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-interfaċċa pubblika għandha tiżgura t-tħassir awtomatiku tal-informazzjoni ***relatata ma' ppostjar li tkun ġiet sottomessa*** permezz ta' dik l-interfaċċa pubblika ***36*** xahar wara d-data tat-tmiem tal-perjodu tal-postazzjoni.	5. L-interfaċċa pubblika għandha tiżgura t-tħassir awtomatiku tal-informazzjoni ***u d-dokumenti relatati ma' postazzjoni li jkunu ġew sottomessi*** permezz ta' dik l-interfaċċa pubblika ***24*** xahar wara d-data tat-tmiem tal-perjodu tal-postazzjoni.

Or. en

Emenda 322
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-interfaċċa pubblika għandha tiżgura t-tħassir awtomatiku tal-informazzjoni relatata ma' ***ppostjar*** li tkun ġiet sottomessa permezz ta' dik l-interfaċċa pubblika ***36*** xahar wara d-data tat-tmiem tal-perjodu tal-postazzjoni.	5. L-interfaċċa pubblika għandha tiżgura t-tħassir awtomatiku tal-informazzjoni relatata ma' ***postazzjoni*** li tkun ġiet sottomessa permezz ta' dik l-interfaċċa pubblika ***48*** xahar wara d-data tat-tmiem tal-perjodu tal-postazzjoni.

Or. ro

Emenda 323
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-interfaċċa pubblika għandha tippermetti t-tħassir tad-data personali kollha maħżuna hemmhekk u fil-kontijiet tal-forniturі ta' servizzi meta dik id-data ma tkunx għadha meħtieġa għall-finijiet li għalihom tkun inġabret u ġiet ipproċessata.	6. L-interfaċċa pubblika għandha tippermetti t-tħassir tad-data personali kollha maħżuna hemmhekk u fil-kontijiet tal-forniturі ta' servizzi meta dik id-data ma tkunx għadha meħtieġa għall-finijiet li għalihom tkun inġabret u ġiet ipproċessata***, jew fuq talba min-naħa tal-ħaddiem ippostjat***.

Or. ro

Emenda 324
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-interfaċċa pubblika għandha tippermetti t-tħassir tad-data personali kollha maħżuna ***hemmhekk u*** fil-kontijiet tal-forniturі ta' servizzi meta dik id-data ma tkunx għadha meħtieġa għall-finijiet li	6. L-interfaċċa pubblika għandha tippermetti t-tħassir tad-data personali ***u d-dokumenti*** kollha maħżuna fil-kontijiet tal-forniturі ta' servizzi meta dik id-data ma tkunx għadha meħtieġa għall-finijiet li

għalihom tkun inġabret u ġiet ipproċessata.

għalihom tkun inġabret u ġiet ipproċessata.

Or. en

Emenda 325
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Stat Membru jista' jippermetti ***lill-awtorità*** nazzjonali kompetenti ***tipprovdi*** lis-sħab soċjali nazzjonali ***b'mezzi oħra minbarra l-IMI*** l-informazzjoni rilevanti ***disponibbli fl-IMI sa fejn ikun*** meħtieġ ***u esklużivament għall-fini ta' verifika tal-konformità*** mar-regoli dwar ***l-ippostjar*** u f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali***, dment li l-informazzjoni tkun relatata ma' ppostjar fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat***.	8. ***F'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali,*** Stat Membru jista' jippermetti ***lill-awtoritajiet*** nazzjonali kompetenti ***jagħmlu disponibbli*** lis-sħab soċjali nazzjonali ***u lil korpi li jaġixxu f'isimhom, kif ukoll lil atturi oħra b'funzjoni ta' infurzar, inklużi l-awtoritajiet, lokali, reġjonali u nazzjonali, inklużi l-fondi paritari settorjali nazzjonali, informazzjoni rilevanti li tkun ġiet kondiviża permezz tal-IMI.*** L-informazzjoni rilevanti ***għandha tiġi pprovduta lil dawn l-atturi b'mezzi oħra minbarra l-IMI, kif*** meħtieġ ***biex tiġi vverifikata l-konformità*** mar-regoli dwar ***il-postazzjoni, il-ftehimiet kollettivi applikabbli,*** u f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali.

Or. en

Emenda 326
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Stat Membru jista' jippermetti ***lill-awtorità*** nazzjonali kompetenti ***tipprovdi*** lis-sħab soċjali nazzjonali ***b'mezzi oħra minbarra l-IMI l-informazzjoni*** rilevanti	8. Stat Membru jista' jippermetti ***lill-awtoritajiet*** nazzjonali kompetenti ***jipprovdu, b'mezzi oħra minbarra l-IMI,*** lis-sħab soċjali nazzjonali ***u lill-korpi li***

disponibbli ***fl-IMI sa fejn ikun meħtieġ u esklużivament*** għall-fini ta' verifika tal-konformità mar-regoli dwar ***l-ippostjar u f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali, dment li l-informazzjoni tkun relatata ma' ppostjar fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat***.	***jaġixxu f'isimhom, kif ukoll lil atturi oħra b'funzjoni ta' infurzar, inklużi l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, bl-informazzjoni*** rilevanti disponibbli ***fir-repożitorju tal-IMI*** għall-fini ta' verifika tal-konformità mar-regoli dwar ***il-postazzjoni u l-ftehimiet kollettivi applikabbli***.

Or. en

Emenda 327
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proċessar ta' informazzjoni ***sottomessa*** permezz tal-IMI	***Ipproċessar*** ta' informazzjoni ***u dokumenti sottomessi*** permezz tal-IMI

Or. en

Emenda 328
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni sottomessa permezz tal-interfaċċa pubblika ***għandha tkun magħmula*** disponibbli fl-IMI għall-awtoritajiet kompetenti responsabbli tal-Istat Membru ospitanti biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1.	L-informazzjoni sottomessa ***u d-dokumenti mtellgħin*** permezz tal-interfaċċa pubblika ***għandhom ikunu magħmulin*** disponibbli fl-IMI għall-awtoritajiet kompetenti responsabbli tal-Istat Membru ospitanti biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1. ***Għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-mandat tagħha skont l-Artikolu 4 tar-Regolament 2019/1149 f'termini ta' kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati***

Membri, koordinament u appoġġ ta' spezzjonijiet miftiehma u konġunti, analiżijiet u valutazzjonijiet tar-riskju, l-informazzjoni fir-repożitorju tal-IMI għandha tkun disponibbli wkoll għall-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-funzjonalitajiet meħtieġa fir-repożitorju tal-IMI sabiex tiżgura li l-informazzjoni sottomessa permezz tal-interfaċċa pubblika tkun tista' tintuża wkoll għal skopijiet ta' aggregazzjoni u estrazzjoni tad-data, sabiex tittejjeb il-preċiżjoni tal-istatistika dwar il-postazzjoni u l-analiżi tar-riskji relatati max-xejriet tal-postazzjoni fis-suq intern. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-operat tar-repożitorju tal-IMI.

Or. en

Emenda 329
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni sottomessa permezz tal-interfaċċa pubblika għandha tkun magħmula disponibbli fl-IMI għall-awtoritajiet kompetenti responsabbli tal-Istat Membru ospitanti biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1.	L-informazzjoni sottomessa permezz tal-interfaċċa pubblika għandha tkun magħmula disponibbli fl-IMI għall-awtoritajiet kompetenti responsabbli tal-Istat Membru ospitanti biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1. ***Għall-finijiet ta' kooperazzjoni amministrattiva u infurzar transfruntier, l-informazzjoni disponibbli fir-repożitorju tal-IMI għandha tkun aċċessibbli wkoll għall-Istati Membri parteċipanti.***

Or. en

Emenda 330

Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni ***sottomessa*** permezz tal-interfaċċa pubblika ***għandha tkun*** magħmula disponibbli fl-IMI għall-awtoritajiet kompetenti responsabbli tal-Istat Membru ospitanti biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1.	L-informazzjoni ***u d-dokumenti sottomessi*** permezz tal-interfaċċa pubblika ***għandhom ikunu*** magħmula disponibbli fl-IMI għall-awtoritajiet kompetenti responsabbli tal-Istat Membru ospitanti biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1.

Or. en

Emenda 331
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sabiex jiġu identifikati r-riskji u l-abbużi marbuta max-xejriet tal-postazzjoni, bħall-identifikazzjoni ta' kaxxi postali fittizji u postazzjonijiet foloz, u sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/67/UE, il-funzjonalitajiet tekniċi għandhom jippermettu l-ġbir tad-data, l-analitika u l-kontroreferenzjar, inkluż l-aggregazzjoni tad-data u l-estrazzjoni tad-data, tal-informazzjoni sottomessa permezz tal-interfaċċa pubblika, mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-entitajiet previsti fl-Artikolu 5(8) tal-Istati Membri parteċipanti b'appoġġ għall-assistenza reċiproka stabbilita fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/67/UE.

Or. en

Emenda 332
Grégory Allione, Valérie Devaux, Stéphanie Yon-Courtin, Marie-Pierre Vedrenne, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-informazzjoni sottomessa permezz tal-interfaċċa pubblika għandha tkun disponibbli fl-IMI lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli tal-Istat Membru tal-istabbiliment tal-fornitur ta' servizzi sabiex tiġi żgurata l-kooperazzjoni amministrattiva effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fl-Istati Membri, f'konformità mad-Direttiva 2014/67/UE.

Or. en

Emenda 333
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-mandat tagħha skont l-Artikolu 4 tar-Regolament 2019/1149 f'termini ta' kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, koordinament u appoġġ ta' spezzjonijiet miftiehma u konġunti, analiżijiet u valutazzjonijiet tar-riskju, l-informazzjoni fir-repożitorju tal-IMI għandha tkun disponibbli wkoll għall-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.

Or. en

Emenda 334
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-funzjonalitajiet meħtieġa fir-repożitorju tal-IMI sabiex tiżgura li l-informazzjoni sottomessa permezz tal-interfaċċa pubblika tkun tista' tintuża wkoll għal skopijiet ta' aggregazzjoni u estrazzjoni tad-data, sabiex tittejjeb il-preċiżjoni tal-istatistika dwar il-postazzjoni u l-analiżi tar-riskji marbuta max-xejriet tal-postazzjoni fis-suq intern. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-operat tar-repożitorju tal-IMI.

Or. en

Emenda 335
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Eżerċizzju tad-delega
	1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
	***2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ... snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv bażiku jew kwalunkwe data oħra stabbilita mill-koleġiżlaturi]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' … snin. Id-delega ta' setgħa**

għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 4(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta s-sħab soċjali u l-esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien [xahrejn] min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'[xahrejn] fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 336

Sebastian Kruis, Rachel Blom, Elisabeth Dieringer, Filip Turek, Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 8	***imħassar***
Proċedura ta' Kumitat	
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	

Or. en

Emenda 337
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 8	***imħassar***
Proċedura ta' Kumitat	
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	

Or. en

Emenda 338
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proċedura ta' Kumitat	***Eżerċizzju tad-delega***

Or. en

Emenda 339
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011***.	1. ***Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu***.

Or. en

Emenda 340
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 4(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Or. en

Emenda 341
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Or. en

Emenda 342
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Emenda 343
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	1d. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien [xahrejn] min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'[xahrejn] fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.
	Or. en

Emenda 344
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011***.	2. ***Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' erba' snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv bażiku jew kwalunkwe data oħra stabbilita mill-koleġiżlaturi]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' erba' snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu***.
	Or. en

Emenda 345
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal

f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sa [ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament]. B'mod partikolari ***r-rapport*** għandu jeżamina sa liema punt dan ir-Regolament irnexxielu ***jnaqqas l-ostakli amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, jiffaċilita*** l-monitoraġġ ***effettiv*** mill-Istati Membri tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE mmirata ***biex jiżgura l-protezzjoni*** tal-ħaddiema ppostjati ***u*** jappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri.	Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sa [ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament]. B'mod partikolari***, ir-rapport*** għandu jeżamina sa liema punt dan ir-Regolament irnexxielu ***jsaħħaħ l-infurzar u*** l-monitoraġġ mill-Istati Membri tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE mmirata ***lejn l-iżgurar tal-protezzjoni*** tal-ħaddiema ppostjati***,*** jappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri***, u jtejjeb l-ġbir tad-data dwar il-postazzjoni tal-ħaddiema, filwaqt li jssimplifika wkoll ir-rekwiżiti amministrattivi fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi***. ***Għall-finijiet ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri u lis-sħab soċjali. Bħala parti minn din l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll liema rekwiżiti ta' informazzjoni addizzjonali jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġu inklużi fil-formola standard u s-sett komuni ta' rekwiżiti minimi tagħha. Barra minn hekk, għandha teżamina l-possibbiltà li d-dikjarazzjoni ta' postazzjoni u l-applikazzjoni għal dokument portabbli A1 jitqarrbu aktar lejn xulxin mil-lat tekniku.***

Or. en

Emenda 346
Grégory Allione, Valérie Devaux, Stéphanie Yon-Courtin, Marie-Pierre Vedrenne, Sandro Gozi

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
